TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviz Numru CCT 41/13/GB

**Nicole Gauci Turkdogan**

**vs**

**Fair Deal Furniture Ltd.**

Illum 24 ta' Lulju 2013

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fl-14 ta' Frar, 2013 fejn ir-rikorrenti talbet rifuzjoni ta' elfejn u disghin Ewro (€2,090.00), rapprezentanti l-prezz li hija hallset ghal sufan li xtrat minghand is-socjeta' ntimata, liema sufan kien difettuz.

Is-socjeta' ntimata ipprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Hija kienet xtrat sufan 'real leather' minghand is-socjeta' ntimata fid-9 ta' Dicembru 2012. Dan is-sufan kien difettuz u ghalhekk, is-socjeta' ntimata bidletilha dan is-sufan fit-2 ta' Awissu 2012. Is-sufan originali kien jiswa elf u sebgha mitt Ewro (€1,700.00) u fit-2 ta' Awissu 2012, ir-rikorrenti hallset tliet mija u disghin Ewro (€390.00) izjed ghat-tieni sufan sabiex tali sufan ikun kollu 'prima leather'. Illi ghalhekk, it-tieni sufan gie jiswa elfejn u disghin ewro (€2,090.00). F'Dicembru 2012 is-sufan rega' beda jitqaxxar. Ghalhekk, ir-rikorrenti kkuntatjat lis-socjeta' ntimata, fejn l-imsemmija socjeta' offriet illi taghmel xogholijiet ta' tiswija fuq is-sufan, pero' r-rikorrenti ma accettatx ghaliex dan huwa t-tieni sufan bl-istess difett.

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 - MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070 FAX: (+356) 21230988

Ir-rikorrenti ezebiet kopji tar-ricevuti.

**Is-socjeta' ntimata ssottomettiet bil-miktub illi:-**

1. It-Talbiet tar-rikorrenti huma nfondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u dan hekk kif ser jirrizulta waqt is-smiegh u t-trattazzjoni ta' din il-kawza.

2. Illi dak li qed tallega r-rikorrenti gara tort unikament taghha u dan minhabba l-modi u l-prodotti li wzat sabiex tnaddaf is-sufan mertu ta' din il-kawza.

3. Illi ghalkemm it-tort huwa unikament tar-rikorrenti, is-socjeta' ntimata offriet li taghmel dak kollu necessarju biex tissewwa l-hsara li garrab is-sufan a spejjez ta' l-istess socjeta' ntimata, pero' r-rikorrenti rrifjutat li taccetta dan.

4. Illi ghaldaqstant, it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

5. Salv eccezzjonijiet ohra fil-fatt u fid-dritt.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti, hija regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha mil-miktub, fejn ziedet tghid illi s-socjeta' ntimata offriet illi ssewwi s-sufan, pero' hija ma accettatx u li qieghda titlob li tinghata l-flus lura u li tirritorna s-sufan lis-socjeta' ntimata.

Ir-rikorrenti ezebiet sett ta' tliet (3) ritratti, li gew immarkati bhala Dok.NGT1; flimkien ma' kopja tal-garanzija li giet immarkata bhala Dok.NGT2.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi s-socjeta' ntimata fix-xhieda guramentata taghha regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub, fejn ikkonfermat illi rat dawn l-allegati difetti, li offriet illi tirranga l-hsara pero' r-rikorrenti ma accettatx, u li l-garanzija ma tkoprix il-gilda.

Illi bi qbil bejn il-partijiet, l-isem ta' l-istess socjeta' ntimata qieghda tigi emedata u sostitwita bl-isem ta' 'Fair Deal Furniture Ltd.'.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, u wara li ha konjizzjoni tat-termini tal-garanzija ezebita u mmarkata bhala Dok.NGT2, jikkonkludi illi ma kien hemm l-ebda nuqqas da parte tas-socjeta' ntimata. It-Tribunal jinnota madanakollu, l-offerta maghmula mis-socjeta'

ntimata, u ghalhekk qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti limitatament ghal tali offerta, u jordna lis-socjeta' ntimata taghmel ix-xogholijiet kollha ta' tiswija necessarji fuq is-sufan in kwistjoni a spejjez taghha, b'dan illi kull parti ghandha tbaghti l-ispejjez taghha tal-kawza.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**